2024/2244

10.10.2024

RIŻOLUZZJONI (UE) 2024/2244 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-11 ta' April 2024

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0084/2024),

A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;

B. billi l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-elezzjoni ta' Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew li għandu jingħata s-setgħa li jilqa' l-ilmenti ta' kull ċittadin tal-Unjoni jew ta' kull persuna, kemm fiżika kif ukoll ġuridika, li toqgħod jew ikollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, li jinvolvu każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha. Huwa għandu jinvestiga dawn l-ilmenti u jirrapporta dwarhom;

C. billi r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew [1] jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew);

D. billi d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni bħalissa qed tiġi riveduta wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163;

1. Jinnota li l-baġit tal-Ombudsman Ewropew (l-"Ombudsman") jaqa' taħt l-Intestatura 7 tal-QFP, "Amministrazzjoni pubblika Ewropea", li fl-2022 kien jammonta għal total ta' EUR 11,6-il biljun, jiġifieri 5,9 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-baġit tal-Ombudsman kien jirrappreżenta 0,1 % tal-approprjazzjonijiet tal-Intestatura 7 tal-QFP;

2. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2022, eżaminat kampjun ta' 60 tranżazzjoni fl-ambitu tal-Amministrazzjoni, l-istess numru bħal fl-2021; jinnota wkoll li l-Qorti tikteb li n-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq ir-riżorsi umani inklużi l-pensjonijiet, li fl-2022 kienet tammonta għal madwar 70 % tan-nefqa amministrattiva totali, u fuq il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-informazzjoni, u li l-ħidma tagħha tul bosta snin tindika li, b'mod ġenerali, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx;

3. Jinnota li l-Qorti, bħala parti mill-awditu għall-2022, eżaminat is-sistemi superviżorji u ta' kontroll tal-Ombudsman, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, u l-funzjonament tal-kontrolli ewlenin definiti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"Regolament Finanzjarju"), inklużi l-kontrolli *ex ante* u *ex post* fuq il-pagamenti;

4. Jinnota li 14 (23 %) mis-60 tranżazzjoni kien fihom żbalji iżda li l-Qorti, abbażi tal-ħames żbalji li ġew ikkwantifikati, tistma li l-livell ta' żball kien taħt il-livell limitu ta' materjalità;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li, fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2022, il-Qorti tiddikjara li ma identifikat l-ebda kwistjoni speċifika li tikkonċerna lill-Ombudsman;

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1).

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

6. Jinnota li, fl-2022, il-baġit tal-Ombudsman kien jammonta għal EUR 12 222 108, ammont li jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 280 000 meta mqabbel mal-2021; jifhem li dan it-tnaqqis huwa r-riżultat ta' razzjonalizzazzjoni tal-baġit abbażi tal-ħtiġijiet reali;

7. Jinnota li, fl-2022, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 96,97 %, liema rata hija ogħla meta mqabbla massena ta' qabel, meta r-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 88,8 % minħabba restrizzjonijiet relatati mal-pandemija tal-COVID-19;

8. Jinnota li, matul l-2022, l-Ombudsman għamlet sitt trasferimenti baġitarji skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju, li jirrappreżentaw total ta' EUR 344 460 jew 2,8 % tal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena finanzjarja; jinnota wkoll li n-nomenklatura baġitarja għall-partita "2 0 0 0" inqasmet f'erba' subkategoriji sabiex tiżdied it-trasparenza tal-informazzjoni meħtieġa għall-bini tal-Ombudsman fiż-żewġ postijiet tax-xogħol; jirrikonoxxi li l-approprjazzjonijiet ittrasferiti mill-partita baġitarja tal-kera ma ntużawx minħabba li l-Ombudsman ħallset l-ispejjeż kollha mġarrba għax-xogħlijiet ta' sistemazzjoni tal-binja l-ġdida tal-Ombudsman permezz tal-baġit tal-2021 minflok ma qassmithom fuq sitt snin;

9. Jirrikonoxxi li, minkejja ż-żieda fiż-żmien għall-pagamenti minn 11,35 għal 13-il jum mill-2021 għall-2022, iż-żmien medju għall-pagamenti għadu relattivament qasir; jemmen li l-implimentazzjoni ta' sistema ta' fatturazzjoni elettronika mill-2023 tista' ttejjeb biss l-effiċjenza tal-proċess tal-ħlas;

10. Jinnota li l-Ombudsman ma rrapportat l-ebda impatt mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-baġit tagħha għall-2022 għall-missjonijiet, l-akkwist jew il-bini; jirrakkomanda li l-Ombudsman tqis li r-reviżjoni annwali li jmiss tal-kera u tal-imposti fuq il-bini f'somma f'daqqa mill-Parlament tista' twassal għal spejjeż addizzjonali fil-baġit tal-Ombudsman għall-2023;

11. Jinnota li l-baġit għall-missjonijiet tal-persunal naqas minn EUR 135 000 fl-2021 għal EUR 120 000 fl-2022 bħala riżultat tal-iffrankar ibbażat fuq it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u l-użu wiesa' tal-faċilitajiet ta' vidjokonferenzi għal laqgħat interni u esterni fiż-żewġ postijiet tax-xogħol;

Ġestjoni interna, prestazzjoni u kontroll intern

12. Jinnota li l-Ombudsman, matul l-2022, kompliet timplimenta azzjonijiet speċifiċi f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-istrateġija ta' ħames snin tal-Ombudsman "Lejn l-2024", kif stabbilit fil-Pjan ta' Ġestjoni Annwali (AMP) tagħha; jenfasizza, b'mod partikolari, li l-Ombudsman irnexxielha tgħaddi l-abbozz tad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Istatut il-ġdid li jirregola d-dmirijiet tal-Ombudsman lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament għall-konsultazzjoni f'konformità mal-AMP tal-2022;

13. Jissottolinja li, fl-2022, hekk kif innotat in-nuqqas flagranti ta' informazzjoni pubblika, l-Ombudsman staqsiet antiċipatament lill-Kummissjoni Ewropea kif din se tiżgura t-trasparenza fin-negozjati tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru, kif se tiggarantixxi l-iskrutinju pubbliku tal-istadji importanti milħuqa mill-Istati Membri, u kif se tissorvelja l-awditi ([2]);

14. Jinnota li, fl-2022, l-Ombudsman irċeviet 2 223 ilment, meta mqabbla ma' 2 192 fl-2021, li 35 % minnhom kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman; jinnota wkoll li l-Ombudsman fetħet 348 inkjesta, inkluż 60 inkjesta ta' importanza pubblika, u għalqet 330 inkjesta fl-2022 meta mqabbel mal-ftuħ ta' 338 inkjesta u l-għeluq ta' 305 inkjesti fl-2021;

15. Jinnota bi tħassib serju li l-Ombudsman tirċievi ħafna lmenti miċ-ċittadini dwar dewmien estrem biex jinkiseb aċċess għad-dokumenti mitluba; jappoġġja l-fehmiet tal-Ombudsman li l-aċċess imdewwem huwa effettivament aċċess miċħud u li l-proċessi amministrattivi għandhom jiġu ssimplifikati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jirċievu aċċess għad-dokumenti fil-ħin ([3]);

([2]) https://www.ombudsman.europa.eu/mt/news-document/en/152993.
([3]) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0295_MT.html.

16. Jilqa' l-iżvilupp ta' proċess simplifikat biex jiġu ttrattati l-inkjesti "nuqqas ta' tweġiba"; jilqa' wkoll l-implimentazzjoni ta' proċedura simplifikata għall-ipproċessar ta' lmenti "barra mill-mandat", u b'ħekk iż-żmien biex jiġu ttrattati tali talbiet jitnaqqas minn 15-il jum għal 3 ijiem; jinsab imħasseb, madankollu, li bejn l-2021 u l-2022 iż-żmien medju biex jiġi ttrattat ilment li jaqa' taħt il-mandat żdied minn 61 għal 91 jum u ż-żmien medju biex tiġi ttrattata inkjesta żdied minn 112 għal 166 jum;

17. Jinnota li l-etika u t-trasparenza baqgħu oqsma importanti ta' ħidma għall-Ombudsman fl-2022 li komplew jikkontribwixxu għall-progress, iżda ffaċċjaw ukoll sfidi, u li l-għadd ta' lmenti relatati mat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont kien jammonta għal 32 % tal-każijiet kollha fl-2022;

18. Jinnota li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti kompla jkun prijorità ewlenija għall-Ombudsman fl-2022, b'121 ilment riċevut, l-ogħla numru rreġistrat fi żmien sena, u l-inkjesti rriżultaw f'90 ilment; jilqa' l-fatt li l-każijiet fil-qasam tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti jiġu pproċessati malajr, b'medja ta' 46 jum tax-xogħol sal-għeluq tal-ilment u 67 jum tax-xogħol fir-rigward tal-inkjesti biss; jifhem li, minkejja ż-żieda fl-għadd ta' każijiet, is-sehem ta' inkjesti rapidi kien jirrappreżenta biss 28 % tal-inkjesti kollha dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, meta mqabbel ma' 58 % fl-2021; jilqa' s-sejbiet ta' inkjesti ewlenin li jikkonċernaw il-Kummissjoni u aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Frontex, u istituzzjonijiet u korpi bħall-BEI dwar il-ġestjoni amministrattiva tagħhom fil-konfront tat-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti;

19. Ifakkar li, skont l-Ombudsman Ewropew, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti, b'mod partikolari dokumenti leġiżlattivi, għandhom ikunu eċċezzjoni u limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju; ifakkar ukoll li kwalunkwe deċiżjoni li ċċaħħad l-aċċess pubbliku għad-dokumenti trid tkun ibbażata fuq eżenzjonijiet legali definiti b'mod ċar u strett, akkumpanjati minn ġustifikazzjoni motivata u speċifika, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu ċ-ċaħda ta' aċċess u jagħmlu użu effettiv mir-rimedji legali disponibbli; iqis li approċċ aktar proattiv jgħin biex jiżgura trasparenza effettiva u biex jipprevjeni tilwim legali li jkun għali u oneruż bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet ([4]);

Riżorsi umani, ugwaljanza u benesseri tal-persunal

20. Jinnota li l-kompożizzjoni tal-persunal f'termini ta' status u profili ta' impjieg baqgħet stabbli f'dawn l-aħħar snin, b'total ta' 74 membru tal-persunal fi tmiem l-2022, l-istess numru bħal fl-2021; jinnota wkoll li, fl-2022, l-Ombudsman impjegat 39 uffiċjal, meta mqabbla ma' 37 u 38 fl-2020 u l-2021 rispettivament, 28 membru tal-persunal temporanju, meta mqabbla ma' 28 u 30 fl-2020 u l-2021 rispettivament, u 7 aġenti kuntrattwali, meta mqabbla ma' 8 u 6 fl-2020 u l-2021 rispettivament; jinnota li, fl-2022, proporzjon ugwali ta' madwar 40 % tal-persunal ittratta l-amministrazzjoni (riżorsi umani, finanzi, ġestjoni tal-proċessi) minn naħa u 40 % ttratta l-ilmenti u l-inkjesti min-naħa l-oħra;

21. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-pożizzjoni tas-Segretarju Ġenerali ilha vakanti mill-1 ta' Settembru 2022;

22. Jinnota li, fl-2022, l-Ombudsman nediet sejħa għal espressjonijiet ta' interess bl-għan li tistabbilixxi grupp ta' kandidati, sabiex tirrekluta aġenti temporanji aktar malajr; huwa interessat li jsegwi t-titjib fl-effiċjenza li ġabet magħha din il-proċedura;

23. Jinnota li l-Ombudsman irnexxielu jkollha 18-il nazzjonalità rrappreżentata fost il-persunal tagħha, bis-saħħa ta' komunikazzjoni proattiva u kuntatti ma' udjenzi aktar diversi, b'mod partikolari permezz tal-kanali tal-media soċjali; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata ta' ċittadini mill-Istati Membri kollha fost il-persunal tagħha;

24. Jinnota li, f'termini ta' bilanċ bejn il-ġeneri, l-Ombudsman timpjega aktar nisa milli rġiel fil-kategoriji kollha tal-persunal, b'mod partikolari fil-livell maniġerjali, b'rappreżentanza ġenerali ta' 67 % nisa u 33 % rġiel, meta mqabbla ma' 68 % nisa u 32 % rġiel fl-2021; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fost il-persunal;

25. Jinnota li, fl-2022, l-Ombudsman implimentat il-politika l-ġdida tagħha dwar il-ħin tax-xogħol u x-xogħol ibridu adottata f'Ottubru 2021, li tinkludi dispożizzjonijiet, pereżempju, dwar it-telexogħol, inkluż minn barra l-pajjiż, il-forniment ta' tagħmir ergonomiku għal xogħol mid-dar, ix-xogħol part-time, il-liv tal-ġenituri, il-ħin flessibbli u d-dritt għall-iskonnessjoni, u jilqa' l-fatt li din il-politika tapplika għall-kategoriji kollha tal-persunal; jilqa' r-riżultat ġenerali ta' stħarriġ tal-persunal imwettaq fl-2023 li juri rata ta' sodisfazzjon ġenerali ta' 97 % tal-persunal rigward l-arranġamenti tax-xogħol ibridi u flessibbli;

([4]) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0295_MT.html.

26. Jirrikonoxxi li l-maniġers għandhom stampa ġenerali tajba tal-ammont ta' xogħol tal-persunal, jimmonitorjaw id-distribuzzjoni tax-xogħol b'mod regolari, u jirfinawha, meta jkun meħtieġ; jinnota li s-servizz mediku tal-Parlament Ewropew, li jipproċessa kwistjonijiet mediċi relatati mal-persunal tal-Ombudsman, ma ssenjala lill-Ombudsman l-ebda każ ta' mard fit-tul ikkaġunat minn burnout;

27. Japprezza li, fl-2022, ma ġie rrappurtat l-ebda każ ta' fastidju; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura ambjent tax-xogħol mingħajr fastidju sesswali u psikoloġiku, b'mod partikolari permezz ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ; jinnota b'sodisfazzjon li stħarriġ li sar fil-kuntest ta' awditu intern dwar il-qafas etiku wera li, fil-bidu tal-2023, 90 % tal-persunal kien konxju mill-politika u l-linji gwida dwar il-fastidju;

28. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, l-Ombudsman laqgħet 18-il trainee mħallas, meta mqabbel ma' 16 fl-2021, li jgawdu pakkett ta' remunerazzjoni u l-istess arranġamenti tax-xogħol bħall-bqija tal-persunal; iħeġġeġ lill-Ombudsman, kif ippjanat għall-2023, tniedi skema ta' traineeships maħsuba għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà;

Qafas etiku u trasparenza

29. Jilqa' l-isforzi kontinwi biex jissaħħaħ il-qafas etiku tal-istituzzjoni u ssir sensibilizzazzjoni dwaru; jinnota li l-Ombudsman, f'dan ir-rigward, organizzat preżentazzjoni tal-politika tal-Ombudsman dwar l-attivitajiet esterni, taħriġ dwar il-fastidju u sessjoni waqt l-ikla ta' nofsinhar dwar il-kunflitti ta' interess għall-persunal kollu; jinnota wkoll li l-formoli għad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess, l-attivitajiet esterni, il-pubblikazzjonijiet u l-eżerċitar ta' attività okkupazzjonali wara t-tluq mis-servizz pubbliku tal-Unjoni ġew riveduti biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-regoli interni; jilqa' l-awditu intern dwar il-qafas etiku tal-Ombudsman li tnieda fl-2022 u li r-riżultati tiegħu se jitqiesu biex ikomplu jittejbu l-prattiki f'dak il-qasam;

30. Jinnota li l-istrateġija kontra l-frodi tal-Ombudsman hija bbażata fil-wisa' fuq il-qafas etiku stabbilit u fuq il-prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet għall-funzjonijiet finanzjarji; jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2022, ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' kunflitt ta' interess u l-ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta;

31. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Ombudsman ma ngħaqditx formalment mar-reġistru tat-trasparenza tal-UE stabbilit bil-ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju iżda allinjat il-prattiki tagħha fuq il-prinċipji tar-reġistru tat-trasparenza, filwaqt li vverifikat li l-kelliema jew l-interlokuturi f'avvenimenti jew laqgħat organizzati mill-Ombudsman kienu rreġistrati fih; jilqa' l-livell għoli ta' trasparenza miksub mill-Ombudsman bil-pubblikazzjoni fuq is-sit web tagħha ta' informazzjoni dwar l-inkjesti, il-missjonijiet, il-laqgħat u l-avvenimenti li fihom tieħu sehem l-Ombudsman;

32. Jistieden lill-Ombudsman tinforma perjodikament lill-awtorità baġitarja dwar id-diffikultajiet li tkun iltaqgħet magħhom fil-ħidma tagħha dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

33. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, l-Ombudsman ippubblikat gwida għall-pubbliku dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti, b'informazzjoni dwar kif l-aħjar jiġi eżerċitat dan id-dritt;

Diġitalizzazzjoni, ċibersigurtà u protezzjoni tad-data

34. Jifraħ lill-Ombudsman għall-promozzjoni attiva tad-diġitalizzazzjoni biex jitnaqqas l-użu tal-karti u biex jiġu aġevolati l-iskambju u l-ħżin tad-dokumenti; jinnota li, fl-2022, in-nefqa fuq l-IT naqset bi 48 % meta mqabbla mal-2021 peress li ma kien meħtieġ l-ebda investiment speċifiku biex tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-użu ġeneralizzat tal-vidjokonferenzi u l-webstreaming, li naqqsu l-ħtieġa tal-ivvjaġġar;

35. Jinnota li, f'termini tal-IT, l-Ombudsman tibbaża fuq il-qafas tal-infrastruttura u taċ-ċibersigurtà tal-Parlament u tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni u l-manutenzjoni tal-għodod korporattivi tal-Unjoni (SYSPER, ABAC, MiPS u ARES) u l-użu ta' kuntratti qafas tal-IT; jinnota li, minħabba li l-livell ta' kontroll tagħha fuq id-data huwa limitat, l-Ombudsman ikkonkludiet ftehimiet fil-livell ta' servizz mal-istituzzjonijiet ikkonċernati biex tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali jikkonforma mal-qafas legali applikabbli; jinnota b'sodisfazzjon li l-Ombudsman ma kellha l-ebda attakk ċibernetiku fl-2022;

36. Iħeġġeġ lill-Ombudsman taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà); jissuġġerixxi li l-Ombudsman toffri programmi ta' taħriġ relatati maċ-ċibersigurtà aġġornati regolarment għall-persunal kollu tagħha;

37. Jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2022, l-Ombudsman lestiet erba' azzjonijiet mill-pjan ta' azzjoni ta' ħames punti adottat wara r-Rapport tal-Awditu Intern 21/03 dwar ir-Rieżami tal-Qafas tal-Protezzjoni tad-Data tal-Istituzzjoni, li għandhom l-għan li jkomplu jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjoni;

38. Jinnota li, fl-2022, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (l-"EDPS") ipprovda feedback dwar ilment minn ċittadin bl-argument li l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data pprovduta mill-Ombudsman fil-konferma standard tagħha tar-riċevuta ma kinitx biżżejjed; jinnota b'sodisfazzjon li l-EDPS għalaq il-każ mingħajr azzjonijiet ulterjuri wara li l-Ombudsman introduċiet il-bidliet issuġġeriti fil-mudell tagħha;

39. Jilqa' l-fatt li bħalissa qed tiġi implimentata sistema ta' fatturazzjoni elettronika f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (DĠ DIGIT); jitlob lill-Ombudsman tagħti dettalji dwar skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika;

40. Jifraħ lill-Ombudsman talli użat esklussivament software b'sors miftuħ fuq is-sit web tagħha u talli pprijoritizzat l-użu ta' għodod b'sors miftuħ għal skopijiet interni fejn possibbli;

Binjiet

41. Jinnota li, wara ċ-ċaqliq tal-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Brussell għal faċilitajiet ġodda pprovduti mill-Parlament fl-2021, il-binja ġiet organizzata bħala spazju tax-xogħol kollaborattiv b'għadd verament limitat ta' uffiċċji individwali u faċilitajiet flessibbli ta' laqgħat kollaborattivi; jieħu nota pożittiva li l-Ombudsman ma tipprattikax użu flessibbli tal-uffiċċji u li l-membri kollha tal-persunal għandhom l-iskrivanija tagħhom stess bi spazju sew fejn jerfgħu l-affarijiet; jinsab imħasseb li ma ġie organizzat l-ebda stħarriġ tal-persunal mill-Ombudsman qabel ma seħħ iċ-ċaqliq lejn spazju kollaborattiv fl-uffiċċju ta' Brussell; jinnota li stħarriġ ġenerali tal-persunal li sar fl-2023 wera li l-maġġoranza tal-persunal wieġbet b'mod pożittiv rigward l-arranġamenti fiżiċi l-ġodda; japprezza wkoll li l-persunal inżamm infurmat dwar xi deċiżjonijiet li jikkonċernaw is-sistemazzjoni tal-ispazju tax-xogħol, bħall-iskemi tal-kuluri, qabel iċ-ċaqliq;

42. Jinnota li l-Ombudsman irritornat 20,5 % tas-superfiċje mikrija mill-Parlament fi Strażburgu fuq talba ta' dan tal-aħħar u li l-kera tagħha sussegwentement tnaqqset;

43. Ifakkar li l-Ombudsman mhijiex sidt il-bini tagħha stess iżda tikri binja fi Brussell u spazju għall-uffiċċji fi Strażburgu; jinnota b'sodisfazzjon li l-binja Havel fi Strażburgu hija aċċessibbli bis-sħiħ għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa jew b'diżabbiltà oħra u jesprimi dispjaċir qawwi għall-fatt li l-aċċessibbiltà għall-binja mikrija fi Brussell jeħtieġ li tittejjeb; jistieden lill-Parlament itejjeb l-aċċessibbiltà għall-binja mikrija lill-Ombudsman fi Brussell;

Ambjent u sostenibbiltà

44. Jilqa' l-fatt li, matul is-snin, l-Ombudsman naqqset l-impronta ambjentali tagħha, b'mod partikolari permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-pubblikazzjonijiet tagħha bħar-rapport annwali, it-tneħħija ta' stampaturi individwali u miżuri biex l-avvenimenti jsiru aktar sostenibbli; jinnota li, f'termini tal-impronta ambjentali tal-bini tagħha, l-Ombudsman tibbaża fuq il-miżuri meħuda mill-Parlament fil-kapaċità tiegħu bħala sid il-bini; jirrikonoxxi li l-Ombudsman bagħtet it-talba tagħha lill-Parlament, espressa fil-kwittanza tal-2021, biex tinstalla pannelli solari fuq il-bejt tal-bini tagħha;

45. Jinnota li, fl-2022, l-Ombudsman kompliet tħeġġeġ il-mobbiltà sostenibbli, b'mod partikolari billi pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-abbonamenti annwali tat-trasport pubbliku, billi llimitat l-ispazji disponibbli għall-parkeġġ tal-karozzi u billi tejbet il-faċilitajiet u l-parkeġġ għaċ-ċiklisti;

Kooperazzjoni interistituzzjonali

46. Jilqa' l-iffrankar finanzjarju u amministrattiv miksub permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali, b'mod partikolari l-firxa wiesgħa ta' ftehimiet fil-livell ta' servizz konklużi mal-Parlament u mal-Kummissjoni u l-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali; jinnota li, fl-2022, l-Ombudsman żviluppat sinerġiji ġodda ma' istituzzjonijiet oħra u ffirmat ftehimiet dwar il-forniment ta' servizzi għall-użu taċ-ċertifikati ta' ffirmar kwalifikati mill-bogħod mill-Kummissjoni u l-forniment ta' servizzi mill-Front Office għall-Persunal u mill-Punt ta' Informazzjoni tal-Parlament;

47. Jirrikonoxxi l-importanza li jinżamm livell għoli ta' skambji u ta' koordinazzjoni man-Network Ewropew tal-Ombudsmen (ENO); jilqa' l-organizzazzjoni tal-konferenza annwali u l-webinar tematiku tal-ENO bħala fora ta' diskussjoni importanti dwar kwistjonijiet attwali li għandhom impatt fuq il-ħidma tal-Ombudsman madwar l-Ewropa fl-2022;

48. Jilqa' l-kooperazzjoni li l-Ombudsman iżżomm mal-UPPE, mal-QEA u mal-OLAF bl-għan li jiġu evitati investigazzjonijiet doppji u jiġu diskussi suġġetti ta' interess reċiproku, bħat-titjib tal-qafas ta' sorveljanza tal-Unjoni; jilqa' bl-istess mod il-kanali ta' kooperazzjoni stabbiliti mal-EDPS biex tiġi żgurata konsultazzjoni reċiproka rapida fil-ħidma ta' kuljum taż-żewġ istituzzjonijiet u l-Memorandum ta' Qbil li jiddelinja l-kompetenzi rispettivi ta' kull istituzzjoni bl-għan li jiġu evitati proċeduri doppji;

49. Jilqa' l-fatt li l-Ombudsman għandha kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar inkjesti importanti billi tippreżenta l-ħidma jew direttament fil-laqgħat tal-Kumitati jew permezz ta' informazzjoni li tintbagħat lill-Presidenti tal-Kumitati; jenfasizza li l-inizjattivi strateġiċi u l-inkjesti mwettqa mill-Ombudsman huma kruċjali għat-titjib tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-amministrazzjoni tal-Unjoni;

Komunikazzjoni

50. Jinnota li, bejn l-2021 u l-2022, il-baġit ġenerali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' promozzjoni żdied minn EUR 92 100 għal EUR 132 400, jiġifieri bi 43,8 %; jifraħ lill-Ombudsman talli żviluppat strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva li kkontribwiet għal żieda fis-sensibilizzazzjoni ta' udjenzi speċjalizzati u tal-pubbliku ġenerali; jinnota li l-media Ewropea ħarġet 60 % aktar artikli tal-istampa dwar l-Ombudsman meta mqabbla mal-2021;

51. Jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman biex twettaq sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar ir-rwol tal-Ombudsman u l-possibbiltà ta' rikors għall-Ombudsman fil-każ ta' amministrazzjoni ħażina minn istituzzjoni tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-isforzi li saru biex tiġi pprovduta informazzjoni trasparenti u tiġi ppubblikata data f'format informattiv u faċli għall-utent fuq is-sit web tal-Ombudsman, għalkemm tali data mhijiex disponibbli f'format miftuħ; jilqa' l-adozzjoni ta' logo u ta' identità viżiva ġodda biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-Ombudsman u biex dan jiġi rikonoxxut bħala korp tal-Unjoni;

52. Japprezza l-fatt li l-Ombudsman tuża għodda awtomatizzata għat-traduzzjoni tal-każijiet fuq is-sit web u jitlob lill-Ombudsman tiżgura traduzzjoni bla xkiel u fil-ħin tal-każijiet tagħha bil-lingwi kollha;

53. Jinnota li l-Ombudsman għandha kontijiet tal-media soċjali fuq Instagram, LinkedIn, X (dak li qabel kien twitter), fejn fl-2022 is-segwaċi u r-rati ta' involviment raw tkabbir ogħla milli fis-snin preċedenti; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Ombudsman fi proġett pilota mmexxi mill-EDPS li għandu l-għan li jġib lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fuq EU-Voice u EU-Video, li huma żewġ networks tal-media soċjali ħielsa u b'sors miftuħ, ibbażati fuq software Mastodon, li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jinteraġixxu mal-pubbliku billi jaqsmu testi, immaġnijiet, vidjows u podcasts.